**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr. Brigitte Sultana LL.D., LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Gimgha, 15 ta' Jannar 2021**

**Rikors Guramentat numru:- 12/2016BS**

**Francene Cini**

**vs**

**Domenic Zammit**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attrici ppremettiet:

1. Illi ghal zmien twil kien jezisti bejn il-partijiet stat ta' konvivenza, mil-liema rapport twieldu zewgt itfal minuri Ylenia fit-tlettax (13) ta' Awwissu elfejn u ghaxra (2010) u Raisa fid-disgha u ghoxrin (29) ta' April elfejn u tlettax (2013) u dan kif jidher mic-certifikati annessi u mmarkati bhala Dok A u Dok B;

2. Illi llum din il-konvivenza m'ghadhiex tissussisti u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut;

3. Illi fil-kors ta' din l-istess konvivenza l-esponenti ghaddiet bosta flejjes lill-konvenut biex inxtraw porzjon raba' fix-Xaghra, Ghawdex, mutur ghalih u diversi oggetti, flimkien ma' benefikati u miljoramenti, fil-appartament li huwa proprjeta' tal-konvenut u sitwat Port Mansions, Blokk A, Flat 2, Triq is-Sajjied, Marsalforn, Ghawdex;

4. Illi dan kollu jikkostitwixxi arrikkiment indebitu li l-konvenut ghamel fil-konfront tal-esponenti peress li mill-flejjes mghoddija lilu jew

zborsati hu arreka vantagg u utilita' bl-inkrement fil-patrimonju tieghu;

5. Illi nonostante li l-konvenut gie nterepellat biex jikkumpensa lill-attrici hu baqa inadempjenti;

Talbet lil dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut avvantaggja ruhu minn flejjes hekk mghoddija lilu mill-esponenti fil-kors tal-konvivenza skont kif hawn fuq spjega;
2. Tillikwida l-ammont intier hekk dovut lill-esponenti;
3. Konsegwentement, tikkundanna lill-istess konvenut jikkumpensa lill-esponenti l-ammont hekk likwidat u li permezz tieghu avvantaggja ruhu ghall-ghanijiet kollha fuq imsemmija, okkorrendo bl-operat ta' perit nominandi skont il-bzonn.

Bl-interessi u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Mejju 2015 u tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru: 52/2015 kontra l-konvenut u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut illi eccepixxa:

1. Illi huwa minnu illi l-kontendenti kienu jghixu flimkien. Illi huwa minnu illi l-attrici ghaddiet xi flus biex Domenic Zammit xtara proprjeta' tieghu. Izda Domenic Zammit qabel din il-kawza offra li jhallas lura lill-attrici dawk il-flus li verament ghaddietlu din irrifjutat u talbet ammonti ferma superjuri. Illi Domenic Zammit kien u ghadu dispost ihallas dak li gie mghoddi lilu mill-attrici. In vista ta' dan hu ma ghandux ibghati spejjez.
2. Illi fil-fatt l-unici flus li ghaddietlu l-attrici kienet biex inxtrat art fix-Xaghra, Ghawdex. Mill-bqija l-attrici ma harget xejn. Ma huwiex minnu illi l-attrici harget xi flus sabiex inxtraw oggetti jew saru miljoramenti fl-apparament ta' Triq is-Sajjied Marsalforn, Ghawdex.

Kulma hemm f'dak l-appartament thallas mill-konvenut u anke jekk l-attrici peress illi kienet il-persuni li fizikament kienet tmur tixtri u thallas, ghandha xi ricevuti fuqha; xorta wahda dan ix-xiri kien isir bil-flus tal-konvenut li kien il-*breadwinner* meta l-koppja kienet tghix flimkien.

3. Illi in oltre u bla pregudizzju ghas-suespost jekk ghall-grazzja ta' l-argument hemm xi affarijiet mobbli li huma ta' l-attrici din tista' liberament tehodhom.

4. Illi din ir-risposta qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament minn Domenic Zammit li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti in kawza u in eccezzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**Il-Qorti;**

Rat ix-xhieda kollha prodotta in ezami u kontro ezami.

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Marzu, 2020 il-partijiet inghataw il-fakolta li jipprezentaw noti ta sottomissjonijiet, izda minkejja dan it-tnejn naqsu li jipprezentaw in-nota rispettiva taghhom.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tad-29 ta' Settembru, 2020.

**Ikkunsidrat:**

**Provi.**

**Xhieda.**

**L-attrici Francine Cini** permezz ta affidavit[1] tghid illi hija ltaqghet mal-konvenut Dominic Zammit meta kellha erbatax (14)–il sena. Kienet ghadha studenta u kompliet bl-istudji taghha sa l-Universita fejn bdiet

1 A fol 16 sa fol 20 tal-process

tattendi l-kors ta' Infermiera. Matul dan iz-zmien kienet tghix Malta. Kienet tiehu l-istipendju u kienet taghmel xoghol *part time* ukoll. Missierha kien jaghtiha ghoxrin (20) Lira Maltija fil-gimgha u hija kien jirnexxielha tfaddal. Tghid li ommha kienet tfaddal ic-*Children's allowance* u r-rigali fi flus li kien jaqilghu t-tfal u kienet iggemmahom f'kont bankarju. Dan kien fih madwar hamest elef u tliet mitt Lira Maltija (Lm5300).

Tkompli li f'Awissu 2005 hi u l-konvenut raw appartament Marsalforn, marru jarawh u ghogobhom . Ghal dan l-appartament hallas il-konvenut. Minn naha taghha hija kienet tixtri l-affarijiet ghad-dar u dan kienet taghmlu ftit ftit matul iz-zmien. Hemm affarijiet ohra li kienu nxtraw minn ommha bhall-arlogg tal-hajt.

Tghid illi kien hemm ftehim bejniethom li l-konvenut jixtri l-post u l-arredament taghmlu hi pero' kien hemm okkazzjonijiet fejn hallset hi u x-xoghol ghamlu hu. It-travi u l-*vanities*, kif ukoll id-dawl u parti mill-*aluminium* tghid li hallsithom hi, filwaqt li l-kcina u l-parti l-ohra tal-*aluminium* hallashom il-konvenut.

Fl-affidavit telenka numru ta' affarijiet li skont hi hallset bi flusha – saqqu merinos, il-linef, il-bibien ta' gewwa, sufan, il-*blindes* u purtieri. Tghid illi whud mill-ircevuti ma sabithomx ghax hadomlha l-konvent meta mar fl-appartament ma' missieru.

L-attrici tghid ukoll illi l-genituri tal-konvenut ma kienux favur li binhom jizzewgiha izda wara li twieldet it-tifla Ylenia, biddlu fehmithom, pero' hija kellha r-rizervi. Tkompli tghid li billi ma zzewgitx u allura l-genituri taghha ma kienux hallsulha tieg, minflok tawha mas-sittin elf ewro (€60,000) ftit ftit, liema flus uzathom biex mal-konvenut xtraw ghalqa x-Xaghra. Tghid li kienet hi li thabtet biex iggib prezz tajjeb u anke mal-Perit hi kienet tikkommunika.

**In kontro ezami**[2] tghid li hija minghajr impjieg u ma tiftakarx kemm ilha hekk. Tghid li missierha kien jahdem l-Awstralja bhala kok u meta gie Malta mar jahdem fil-barriera filwaqt li ommha tahdem f'latrina. Tghid li ilha tghix fl-appartament Marsalforn ghaxar snin. It-tfal twieldu fl-2010 u fl-2013.

---

[2] A fol 253 sa fol 258 tal-process

Tghid li meta marret tghix Marsalforn kienet ghadha kemm telqet mill-Universita u bdiet tnaddaf ghand in-nies izda ma kellhiex xoghol fiss. Kienet tirregistra. Gieli taghtha xi flus ommha kif ukoll kien jaghtiha flus il-konvenut. Tghid li l-flus il-konvenut kien izommhom fis-*safe* li ghandu fil-garaxx, kif ukoll gol-kexxun id-dar. Tafferma li l-ircevuti ta' l-affarijiet inxtart ghad-dar kienu bi flus ommha u l-konvenut.

Tghid illi harget sittin elf ewro (€60,000) sabiex inxtrat l–ghalqa[3]. L-affarijiet li xtrat ghad-dar ghadhom kollha fil-fond u hija ghadha tghix fl-istess fond. Taqbel illi hija gawdiet hija stess l-affarijiet mixtrija minnha.

**Fil-kontro ezami[4]** Taqbel li l-appartament kien mixtri mill-konvenut. Rigward id-dawl u l-ilma tghid illi hija ma tistax thallas billi l-konvenut dawwar l-indirizz fuq ix-Xaghra u ghalhekk hija ma tircievi l-ebda kont fl-appartament Marsalforn. Minbarra hekk il-konvenut qatt ma talabha biex thallas.

Rigward il-flus li bihom kienet thallas hi tichad li l-konvenut kien jaghtiha l-flus. Tghid li kellha l-cashlink tal-konvenut izda biex taffettwa depoziti fuq is-self li kellu mal-bank liema self kien minhabba li kienu xtraw l-ghalqa.

Tghid ukoll li l-konvent kien jasal id-dar mix-xoghol fil-hdax ta bil-lejl kuljum. Tghid li ghalkemm ma tafx bl-amment kemm harget flus tghid ukoll li hemm ir-rekords tal-Bank.

Rigward il-flus li taghtha ommha tghid li dawn kienu jammontaw ghal tmenin elf ewro (€80,000). Taghti rendikont ta' kemm kienet tiswa l-ghalqa u kemm harget kull parti ghaliha.

**Alvin Scicluna** xehed[5] li jirrizultalu li mill-kont ta' l-attrici harget is-somma ta' tmint elef u erbatax–il ewro u sitta u hamsin centezmu (€8014.56) liema somma thallset lill-MEPA. Dan ix-xhud ikkonfema li l-kont li minnu hargu l-flus kien ta' Francene Cini. Dan ix-xhud ipprezenta dokument fejn ikkonferma li l-kont li minnu hargu l-flus kien jappartjeni

---

[3] A fol 426 sa fol 427 tal-process
[4] A fol 328 sa fol 332 tal-process
5 A fol 51 sa fol 58 tal-process

unikament lill-attrici[6]. Fis-seduta tad-09 ta' Marzu, 2017 dan ix-xhud itenni li l-Kont fil-La Valleta Euro Malta Money Fund huwa ntestat lill-attrici.

**Jennifer Xuereb Sammut** in rapprezentanza ta' JDS Furniture xehdet[7] li l-attrici kienet ordnat sufan u zewgt ikmamar tas-sodda. Tghid li ghalkemm ma tiftakarx, tahseb li l-hlas sar bi flus kontanti. Tafferma li lill-konvenut ma tafux u li hi dejjem ma' l-attrici kellha x'taqsam. Tikkonferma wkoll li l-ghamara twasslet fil-fond tal-partijiet f'Marsalforn.

**Miriam Vella** in rapprezentana ta' Hall Mann xehdet[8] li l-attrici marret ghandhom flimkien ma' ommha u xtrat kamra tas-sodda u siggijiet. Tafferma li lill-konvenut qatt ma ratu. Tghid li l-ordni saret minn omm l-attrici, Grace Cini. Tghid illi anke fuq l-ordni nnifisha l-isem huwa ta' Grace Cini u l-indirizz ukoll, pero' l-ghamara giet installata fl-appartament tal-partijiet Marsalforn.

**Raymond Zammit** in rapprezentanza ta' Zammit Woodworks xehed[9] li l-attrici kienet ordnat il-bibien ta' gewwa u l-bieb ta' barra. Jghid illi huwa ghamel ukoll bibien ta' *wall unit* tal-gebel. Jghid li l-hlas sar permezz ta flus kontanti.

**Mario Camilleri Cauchi** xehed[10] illi l-attrici xtart arlogg minghandu u hallsitu hi.

**Paul Zammit** xehed[11]li l-attrici xtart minghadu travi u vanities. Ikkonferma li hallsitu bi flus kontanti. Jghid li hu lilha biss jaf.

**Joseph Grech** in rapprezentanza ta' Grech Central Store xehed[12] li hu ghandu hanut tal-fajjenza. Jiftakar li nxtraw linef, *dehumidifier* u anke *lamp shade*, arlogg tal-bronz u gandlieri. Dawn l-oggetti twasslu d-dar tal-partijiet Marsalforn.

**Simon Cassar** xehed[13] permezz ta' ffidavit fejn iddikjara li huwa jaghmel xoghol dekorattiv fil-gebel. Jghid illi l-attrici talbitu jaghmel xoghol fis-

6 A fol. 105 tal-process
7 A fol 60 sa fol 67 tal-process
8 A fol 71 sa fol 79 tal-process
9 A fol 93 sa fol 98 tal-process
10 A fol 110 sa fol 113 tal-process
11 A fol 114 sa fol 118 tal-process
12 A fol 119 sa fol 125 tal-process
13 A fol 127 tal-process

suffett kif ukoll xoghol dekorattiv fil-gebla gewwa l-appartament. Ikkonferma li l-hlas sar mill-attrici.

**Karen Azzopardi** xehdet[14] permezz ta' affidavit. Affermat li hija u l-attrici xtraw il-materjal ghall-purtieri minghand B4 Textiles u mbaghad hija hietet dawn il-purtieri. Tikkonferma li l-attrici hallset bi flus kontanti ghal dan is-servizz.

Omm l-attrici, **Grace Cini**, xehdet ukoll b'affidavit[15]. Ikkonfermat dak li xehdet dwaru l-attrici rigward li kienet tahdem *part time* meta kienet qed tistudja u anke kemm kien jirnexxielha tfaddal flus. Tghid li billi lill-attrici ma kienux ghamlulha tieg huma ghaddewlha mas-sittin elf ewro (€60,000) ftit ftit. Dawn barra s-somma ta' madwar hamest elef ewro (€5,000) li tawha u li kienu flus li gemmghu tad-*children's allowance*. Tghid li l-konvenut ma kienx jittaratta lil bintha sew u sikwit kienet tibki.

**In kontro ezami[16]** tghid li ma tafx ghaliex l-attrici ma hadmitx ta' infermiera. Ma tafx kemm hadmet fil-Hotel Calypso. Tghid li ma tiftakarx meta mietet ommha u li l-attrici kellha aktar minn tmintax–il sena meta kienet tmur tghinha u talli kienet tghinha kienet thallasha.

Tghid ukoll li l-attrici gieli marret maghha tnaddah il-*farmhouses*. Dan ix-xoghol waqaf minn xi sentejn 'il hawn. Tghid ukoll li kienet tahdem il-Hdud meta kienet mal-Gvern u ghalhekk tithallas doppju. Kellha paga mensili.

Rigward zewgha tghid li qatt ma staqsietu x'jaqla u li kien jaghtiha biex tonfoq. Tikkonferma li l-attrici ilha tghix fil-fond Marsalforn ghaxar snin zgur. Tghid li kulma hemm fid-dar ilu hemm ghaxar snin u l-bizzilla hi hadmitielha.

Rigward l-ghamara, din ix-xhud tghid li l-kamra tas-sodda xtratielha hi. Tghid li l-attrici l-ewwel kienet tmur tixtri mbaghad titlobha l-flus. Ma tafx jekk il-konvenut harigx xi flus ukoll. Tafferma li taghtha sittin elf ewro (€60,000) b'kollox. Tghid li l-attrici kienet tmur titlobha l-ghajnuna u hi kienet taghtiha l-flus. Rigward is-sittin elf taccetta li bicca minnhom kienu Liri Maltin, jigifieri qabel it-2008.

14 A fol 128 tal-process
15 A fol 134 sa fol 136 tal-process
16 A fol 278 sa fol 304 tal-process

Tghid li bintha l-ohra qatt ma talbitha xejn. Tkompli tghid li lil attrici tataha aktar flus milli tat lil ohtha. Tkompli li lill-attrici tatha l-akbar somma ta′ erbat elef ewo (€4000) meta xtratilha l–kamra tas-sodda. Tghid ukoll li hallset flus fuq il-karozza ta′ l-attrici.

Rigward l-ghalqa meta mistoqsija kemm harget ghall-ghalqa tghid li ma tiftakarx ghax kulma taf hu li l-attrici marret titlobha l-flus u hi tatha. Ghalkemm tghid li ma tiftakarx pero′ meta gie suggerit lilha li jista′ jkun tnejn u ghoxrin elf ewro (€22,000) accettat li jista′ jkun hekk.

**Laura Tabone** in rapprezentanza ta′ Tabone Glass xehdet[17] li l-kumpanija kienet hadmet lill-attrici hgieg tal-bibien tad-divizjoni bid-disinn fih kif ukoll mirja. Tafferma li l-hgieg bid-disinn iqum aktar flus mill-hgieg minghajr disinn. Tikkonferma wkoll li hi dejjem ma′ l-attrici kkommunikat.

**Reuben Grech** in rapprezentanza ta′ Remax Property xehed[18] li huwa kien is-sensar meta l-partijiet riedu jixtru l-ghalqa x-Xaghra. Jiftakar li l-ghalqa nbieghet mija u hamsin elf ewro (€150,000) u mal-partijiet kien hemm ukoll missier l-attrici.

**John Borg** xehed[19] li huwa ghandu hanut Divine Stores u li l-attrici xtrat tinda minghandu. Din it-tinda twahhlet fl-appartament f′Marsalforn.

**Raymond Zammit** in rapprezentanza ta Zammit Aluminium Limited xehed[20] li l-attrici ordnat l-*Aluminium* sabiex jitwahhal fil-fond f′Marsalforn. Jghid li l-hlas effettwatu l-attrici.

**Tonio Ellis** xehed[21] li l-attrici xtrat kamra tal-banju kompluta minghand il-kumpanija tieghu. Jghid li matul il-process kollu dejjem kellu x′jaqsam ma′ Francene u ghalkemm fuq uhud mill-ircevuti hemm imnizzel isem il-konvenut jghid li hu dejjem tkellem ma′ l-attrici. Dan ix-xhud jafferma li l-attrici stess kienet qaltlu biex l-ircevuta johrogha fuq il-konvenut pero′ hija kienet tmur ghandu u mhux il-konvenut.

---

17 A fol 145 sa 149 tal-process
18 A fol 150 sa fol 156 tal-process
19 A fol 158 sa fol 160 tal-process
20 A fol 162 sa fol 165 tal-process
21 A fol 182 sa fol 185 tal-process

**Sammy Camilleri** xehed[22] li huwa jghaddi l-elettriku u l-ilma. Jghid illi huwa ghamel xoghol fl-appartament f'Marsalforn. Hadem kemm fl-appartament kif ukoll fil-garaxx. Jafferma li ghalkemm ma jiftakarx thallasx cekk jew kontanti izda jiftakar li dejjem halsitu l-attrici. Mistoqsi jippreciza jekk l-ewwel pagament effettivament sarx mill-konvenut l-isptar dan ix-xhud jghid li ma jiftakarx izda lanqas ma jichad.

**Joseph Attard** xehed[23] li l-attrici xtrat *light fixtures* minghandu. Jghid li ma jafx kif thallas, jekk hux permezz ta' cekk jew kontanti izda jiftakar li hallsitu hi. Jixhed li lil konvenut ma jafux.

**Lino Camilleri** xehed[24] li huwa jaghmel *Verical blinds* u suffetti. Jghid li kienet ikkuntattjatu l-attrici u talbitu sabiex jiehu l-qisien halli jaghmlilha xi *blinds.* Jikkonferma li dawn thallsu fi flus kontanti mill-attrici. Jikkonferma wkoll li lill-konvenut lanqas jaf min hu.

**Ian Attard** permezz ta' affidavit jghid[25] li x-xoghol tieghu hu l-installazzjoni ta' sistemi ta' sigurta. Jikkonferma li nstalla sistema fil-fond f'Marsalforn u li kienet l-attrici li talbitu jaghmel dan. Jghid li l-ammont dovut kollu thallas mill-attrici.

**Marcel Tabone** in rapprezentanza ta Jobs Plus xehed[26] u esebixxa l-employment history ta' l-attrici.

**Joseph Chircop**, principal fit-taqsima legali tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, xehed[27] rigward il-beneficcji li hadet l-attrici minn Novembru, 2003 sa Mejju 2017. Esebixxa dokument li juri l-ghajnuna kollha li ppercepixxiet l-attrici fuq medda ta' erbatax (14)–il sena li ggib total ta' sebghin elf tmien mija tlieta u disghin ewro u tlieta u tmenin centezmu (€70,893.83).

Xehed ukoll permezz ta' affidavit, **Michael Zammit**, missier il-konvenut[28]. Dan jghid illi ibnu Dominic jahdem ta' mekkanik u ilu jahdem hekk sa minn meta kellu sittax–il sena. Jghid li r-relazzjoni ma' Francene kienet

[22] A fol 209 sa fol 214 tal-process
[23] A fol 215 sa fol 218 tal-process
[24] A fol 225 sa fol 228 tal-process
[25] A fol 231 tal-process
[26] A fol 238 sa fol 239 tal-process
[27] A fol 241 sa fol 243 tal-process
[28] A fol 247 sa 249 tal-process

dejjem turboluza u kienu jiggieldu ta' spiss. L-appartament Marsalforn xtarah Dominic kollu kemm hu. Jghid ukoll li meta l-koppja marru jghixu flimkien l-attrici kienet toqghod id-dar u ma kinitx tahdem. Jghid ukoll li l-attrici kienet tahdem Mc Donalds izda keccewha fuq kaz ta' dixxiplina. Ikompli jghid li ibnu kien li jgib il-flus lejn id-dar u kien ihalli kollox f'id l-attrici. Ix-xiri kienet taghmlu kollu hi billi l-konvenut kien ikun il-gurnata kollha fil-garaxx ghax-xoghol, izda kien ihalliha tixtri li jidrilha.

Ikompli li l-konvenut gieli lmenta li l-flus qed joghsfru u dan minkejja l-ammonti ta flus li kien jghaddi lill-attrici. Jghid illi l-konvenut kien anke jhalli xi flus id-dar ghand ommu u li darba meta hu u ibnu kellhom johorgu biex imorru jgibu karozza, meta marru lura l-konvenut sab il-flus neqsin. Jirrakkonta li ibnu l-iehor stqarr mieghu li kien ra lill-attrici fil-kamra fejn kien hemm il-flus.

Rigward l-ghalqa dan ix-xhud jghid li din inxtrat fil-parti kbira minnha minn Dominic u parti ohra hargithom l-attrici minn xi flus li kienu tawha l-genituri taghha.

Fix-xhieda moghtija fl-14 ta' Gunju, 2019[29] dan ix-xhud jghid li l-konvenut kien izomm xi flus id-dar ta' ommu go kaxxa tal-flixkun tal-*whiskey* u kien jaghmilhom pakketti ta' elf ewro (€1000) kull pakkett. Jghid li darba l-attrici lmentat mieghu li l-konvenut ma kienx jaghtiha flus u hu kien qal lil ibnu u dan ta' l-ahhar qallu li l-flus kien ihallihom id-dar fil-kexxun.

Rigward l-ghalqa jghid li hu silef lill-konvenut hmistax–il elf ewro (€15,000), liema somma l-konvenut hallasha lura meta kien ghadu jghix ma' l-attrici.

Il-Konvenut **Dominic Zammit** xehed permezz ta' affidavit[30] fejn jghid li ilu jahdem ta' mekkanik minn mindu kellu sittax–il sena. Sar jaf lil Francene meta kienet ghadha skola. Ighid li kienet tahdem *part time* Mc Donalds izda minhabba x' inkwiet kienet spiccat. Imbaghad hadmet ta' *waitress* fil-Hotel Calypso.

Jghid li meta kienet studenta l-Universita kellha l-istipendju u kienet tirregistra wkoll bhala *single mother*. Imbaghad waqfet mill-Universita u

[29] A fol 380 sa fol 391 tl-process
[30] A fol 250 sa 252 tal-process

bdiet tirregistra izda ghalkemm kienu jibaghtu ghaliha ghall-*interviews* kienet tara kif taghmel biex ma jaghzluhiex.

Rigward flus, dak li kien jaqla' mix-xoghol fil-garaxx kien jiehdu kollu d-dar. Ma kienx jiehu flus il-bank u kien jaghti kollox lill-attrici.

Ikompli li l-ghalqa tax-Xaghra inxtrat ghall-prezz ta' mitejn u hamsin elf ewro (€250,000), li ghoxrin elf (€20,000) minnhom hallsithom l-attrici u l-bqija harighom hu.

Jghid li gieli qabad lill-attrici tmisslu l-kartiera. Kien izomm flus ukoll ghand ommu. Jghid ukoll li darba sab xi flus neqsin minn gol-kaxxetta li kien izomm id-dar ta' ommu u kien wahhal f'huh izda wara nfurmah missieru li huh kien ra lill-attrici fil-kamra fejn kien izomm dawk il-flus.

Fuq l-affarijiet fl-appartament jghid li kien ihalli f'idejn l-attrici u ma kienx jindahal. Kien jistaqsieha kemm ghandha bzonn flus bies thallas u kien jaghtiha. Gieli kienet tmur tiehu flus mill-kexxun hi. Jafferma illi n-negozjati dwar l-affarijiet fid-dar saru minn Francene ghax hu kien ikun ghax-xoghol u kien ihalli f'idha.

Jghid li Francene hallset minn butha: kamra tas-sodda wahda, parti minn sufan, borom, kutri, platti, lozor, purtieri u zewg linef. Il-prezz tal-purtieri jghid li kien hamest elef ewo (€5000) l-wahda u li filwaqt ma jafx minn fejn gabet il-flus jikkonkludi li setghet ghenitha ommha. Jghid li hallset ukoll is-suffitt ta' zewgt ikmamar tal-banju kif ukoll tliet kmamar tas-sodda.

Rigward il-mutur jichad li hallsitu l-attrici, izda jghid li hallas ghalih hu. Il-karozza Toyota Yaris bin-numru ta registrazzjoni LCR634 hallset tlieta u ghoxrin elf (€23,000) l-attrici, pero in-numru ta registrazzjoni personalizzat li biddlitu darbtejn hallas ghalih il-konvenut, it-tieni darba. Dan qam elfejn ewro (€2,000).

Permezz ta' affidaviet iehor ipprezentat fit-13 ta' Gunju, 2018[31] ghal darb'ohra jghid li l-appartament ta' Marsalforn xtrah bi ftit ghajnuna minn ghand missieru.

[31] A fol 310 tal-process

Il-konvenut mbaghad jaghmel referenza ghall-mandat ta deskrizzjoni u jaghti rendikont ta' l-affarijiet li hemm fid-dar u jghid min hallas ghalihom.

In **kontro ezami**[32] l-konvenut jerga' jtenni li l-attrici kienet hallset ghoxrin elf ewro (€20,000) li kienu flus li taghtha ommha. Jghid li l-flus minn naha tieghu gew f'kontanti mix-xoghol tieghu, bicca ohra minn ghand missieru kif ukoll kellu xi kontijiet u ghalaqhom. Ghall-kuntratt deher wahdu u mhux ma' l-attrici.

Rigward l-attrici jghid li ma kellhiex flus id-dar. Jghid li meta kienet mieghu qatt ma hadmet. Jghid li billi lil oht Francene kienu ghamlulha t-tieg, il-genituri taghha lil Francene imbaghad xtrawlha l-kamra tas-sodda.

Rigward il-flus jghid li l-attrici kienet tqassam tajjeb ghall-hajja ta' kuljum izda mbaghad fejn jidhlu affarijiet tad-dar ma kienx hemm limitu. Jghid li kienet tmur tixtri u lilu tipprezentalu l-kont. Il-Kamra tal-banju giet tqum hamest elef ewro (€5,000).

Xehed ukoll **Joseph Cini**, missier l-attrici[33] li afferma li kien jahdem il-barriera u li kien jaqla' bejn tmenin u disghin lira Maltin fil-gimgha. Kien jahdem mit-tnejn sas-Sibt u kien fit-80's. Ilu penzjonant ghal dawn l-ahhar sitt snin. Jghid li l-mara tieghu kienet tahdem il-latrina tal-Qala.

Ikompli jghid li jircievi l-pensjoni ta' Malta u mill-Awstralja wkoll. Il-mara tiehu l-pensjoni u l-ghajnuna mit-Tezor wkoll. Tfal ghandu tnejn – l-attrici u ohtha.

Rigward il-flus jghid illi *Children's allowance* dejjem faddlulha. Lill-attrici kien jaghtiha ghoxrin Lira Maltija fil-gimgha meta kienet tmur l-Universita. Barra minn dawk l-ghoxrin gieli ta xi haga ohra tal-flus. Jiftakar li kien anke taha elf ewro(€1000) darbtejn. Ic-*Children's allowance* kienu tqassmu lit-tfal meta ghalqu tmintax–il sena.

Rigward ix-xoghol li kienet taghmel l-attrici jghid li kienet tahdem Mc Donalds u Calypso Hotel. Rigeard il-karozza ta' l-attrici jghid li din thallset minn ommha.

[32] A fol 392 sa fol 402 tal-process
[33] A fol 263 sa fol 277 tal-process

Mistoqsi dwar l-appartament mixtri f'Ghajnsielem jghid li kien akkwistat minnu u minn martu u mhux mill-attrici.

**In kontro ezami**[34] is-Sur Cini jikkonferma li lill-attrici kien ghaddielha flus diversi drabi. Skont hi l-flus Francene uzathom sabiex tixtri l-karozza kif ukoll biex ikkontribwixxiet ghax-xiri ta' l-ghalqa.

Meta ntwera l-istatements ta 'kont intestat f'isem martu Grace Cini, dan ix-xhud ikkonferma li l-kontijiet inghalqu sabiex il-flus ghaddewhom lil Francene. Meta mistoqsi jafx x'ghamlet bil-flus li kienu tawha hu jghid illi dak li jaf ghax qaltlu t-tifla. Jghid li s-somma ta' sittin elf (€60,000) tawhomlha fuq medda ta' erba' jew hames snin.

Fl-istess nifs imbaghad jghid li l-attrici qatt ma talbithom flus. Jghid li fix-xahar hu u l-mara jdahhlu madwar elf u seba' mitt ewro (€1700) f'pensjonijiet. Jafferma illi minn din is-somma kien jaghti l-flus liz-zewgt itfal tieghu kif ukoll jghixu hu u l-mara.

**Ikkunsidrat.**

Illi meta tgharbel il-fatti kollha jirrizulta li din il-kawza hija frott ta' relazzjoni ta' konvivenza bejn il-kontendenti li falliet. Minn din ir-relazzjoni twieldu zewgt itfal, wahda fl-2010 u l-ohra fl-2013. Il-partijiet kienu jghixu flimkien f'appartament f'Marsalforn li nxtara mill-konvenut. L-attrici tghid li harget ammont ta' flus ghall-arredament ta' dan l-appartament kif ukoll biex il-konvenut akkwista ghalqa x-Xaghra Ghawdex. Issa wara li r-relazzjoni ta' bejniethom qraset u spiccat trid il-flus li tghid li harget hi, lura. Jirrizulta li l-attrici tghix fl-appartament f'Marsalforn flimkien ma' wliedha, mentri l-konvenut telaq minn hemm u jghix ix-Xaghra, Ghawdex.

Illi minn qari tar-rikors guramentat johroġ car li l-attrici tivvanta l-pretensjoni taghha fuq l-azzjoni hekk imsejjha "komunjoni familjari tacita". Uhud mit-talbiet jixbhu dawk li jsiru f'kawzi ta' firda personali bejn mizzewgin, meta tintalab il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-gid bejniethom. Imma hawnhekk, ir-relazzjoni li kellhom bejniethom il-

[34] A fol 411 sa fol 418 tal-process

partijiet f'din il-kawza ma kenitx rabta taz-zwieg, imma ta' konvivenza. B'zieda ma' dan, jidher ukoll li l-attrici tibni l-azzjoni taghha fuq il-bazi tal-allegat arrikkiment indebitu min-naha tal-konvenut.

F'dak li jirrigwarda l-aspetti legali li johorgu minn relazzjoni ta' konvivenza *more uxorio*, irid jinghad li fil-bicca l-kbira tal-kazijiet il-partijiet jaslu biex joholqu rabta bhal dik fuq ix-xewqa li jafdaw lil xulxin f'relazzjoni li fiha jaqsmu hajjithom flimkien b'dak kollu li ggib maghha. Il-karatteristika ewlenija ta' relazzjonijiet bhal dik odjerna hi li ghalkemm il-partijiet jgharfu li dik ir-relazzjoni ma tkunx formalizzata jew formalment maghrufa mil-ligi, tkun ghalihom rejalta' ta' hajja li jahsbu li jmissha ttul ghal zmien jekk mhux ukoll jixtiequ sahansitra li ma tintemm qatt. Minhabba f'dan l-intendiment taz-zewg nahat jidhlu fis-sehh arrangamenti, mibnija wkoll fuq fiducja u aspettattiva, li jmissu l-gid ta' kull wahda mill-partijiet u t-thaddim ta' dak il-gid ghall-interessi u htiġijiet tal-partijiet li jidhlu f'relazzjoni bhal dik.

Fil-kaz li l-Qorti ggandha quddiemha llum, dan kien sewwa sew il-hsieb li jirraffigura ruhu fil-mod kif il-konvenut kien jahdem qatiegh, jiehu l-flus id-dar u l-attrici kienet tamministra dak il-gid u tiehu hsieb l-ulied komuni.

Fil-gurisprudenza nostrana huwa stabbilit *"Illi fid-duttrina huwa aċċettat li fir-relazzjonijiet ta' konvivenza more uxorio ma jeżistux obbligazzjonijiet li xi waħda mill-partijiet tista' tobbliga lill-oħra li twettaq bil-liġi f'dak li jirrigwarda l-kontribuzzjonijiet għall-piżijiet ekonomiċi li ġġib magħha relazzjoni bħal dik. U l-istess imbagħad jingħad dwar jekk xi waħda mill-partijiet f'relazzjoni bħal dik, wara li tintemm dik ir-relazzjoni, tkunx tista' titlob ir-radd lura ta' dak li tkun tat lill-parti l-oħra matul l-istess relazzjoni. "Resta da vedere a questo punto se sia ammissibile, tuttavia, per il convivente che abbia contribuito nel menage comune, richiedere la restituzione di quanto versato. La soluzione al quesito non puo' che essere negativa, almeno per cio' che concerne le spese correnti. .. .. Le attribuzioni tra conviventi more uxorio sono state inquadrate anche nell'ambito delle liberalita' d'uso, cioe' delle liberalita' non aventi carattere di donazione, che si usano fare in conformita' agli usi o in occasione di servizi resi. .. .. La giurisprudenza consolidata, comunque, ritiene irripetibili tali versamenti vicendevoli .. .. Pertanto, ormai, e' pacifico ed indiscusso che il convivente non possa pretendere alcunche' dall'altro, per quanto conferito nel rapporto comune"*[35].

[35] Desmond Stanley Stewart vs Therese Mangion Galea, Prim Awla, deciza fil-5 ta' Ottubru, 2015

Minn dan l-insenjament id-deduzzjoni logika hi li dak li nghad isib l-applikazzjoni tieghu meta l-kontribut tal-persuni konviventi jkunu bejn wiehed u iehor indaqs. Dan ghalhekk ifisser li meta xi wahda mill-partijiet tkun ghamlet nefqa jew tat kontribut mhux tas-soltu, il-kfief tal-mizien ma jibqghux bilancjati u ghalhekk ma jibqax aktar jitqies li dik in-nefqa jew dak il-kontribut ikun sar minhabba r-rabta sentimentali bejn l-istess partijiet jew minhabba l-affett reciproku. F'dak il-kaz, minkejja li l-ligi taghna sal-lum ma taghti l-ebda rimedju partikolari esegwibbli minn parti kontra l-parti l-ohra, xorta wahda ma taghlaqx il-bieb lil dik il-parti li titlob minghand il-parti l-ohra lura l-hlas li tkun wettqet jew il-kontribut li tkun tat. Di fatti dan jista' jsir b'azzjoni hekk imsejha residwali bhalma hija l-azzjoni tal-arrikkiment indebitu – dik li l-Qorti ghandha quddiemha - maghrufa bhala l- ***actio de in rem verso,*** azzjoni sussidjarja moghtija lill-persuna f'dawk il-kazijiet fejn ma tistax titressaq azzjoni *ex contractu*. Il-principju li jmexxi din l-ghamla ta' azzjoni huwa dak li m'huwiex xieraq li persuna tistghana bi hsara ta' haddiehor (***nemo licet locupletari cum aliena iactura***). Ghalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantagg li t-terza persuna tkun kisbet minhabba l-ispejjez minfuqa mill-parti attrici, u ghandha l-mira li terga' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun staghna u dak tal-parti li tkun ghamlet jew nefqet spejjez biex dan ikun sehh. Billi din l-azzjoni ghandha l-gherq taghha fl-istitut tal-kwazi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wiehed lecitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni, u li l-fatt ma jkunx sehh kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti nteressata.

Illi nghad ukoll li l-elementi[36] li jsejsu din it-tip ta' azzjoni huma:

(a) li persuna kisbet jew qeghdha tikseb vantagg jew utilita' minhabba li xi gid ta' haddiehor ghadda ghandha jew minhabba li xoghlijiet jew servizzi twettqu fi hwejjigha bla ma sar il-hlas ghalihom jew b'mod li gew iffrankati spejjez lill-parti li b'hekk tkun staghniet;

(b) it-tnaqqis mill-gid tal-parti l-ohra b'titolu lukrattiv;

(c) ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-gid tal-parti l-wahda u z-zieda jew beneficcju tal-parti l-ohra;

---

[36] Manuale de Diritto Privato - Torrenti

(d) in-nuqqas ta' raguni li tiggustifika l-arrikkiment ta' parti u l-"ftaqir" tal-parti l-ohra u

(e) li min laqa' ghandu l-haga jew is-servizz staghna b'dik il-haga jew b'dak is-servizz."

Huwa ben car illi fil-mira ta' din l-azzjoni hemm l-arrikiment u tgawdija da parti wahda bi skapitu tal-parti l-ohra. Irid jinghad izda illi fil-kawza odjerna rrizulta bhala fatt mhux kontradett, anzi ammess mill-attrici nnifisha[37] li hija ghadha attwalment tghix fil-fond ta' Marsalforn li huwa l-istess fond fejn hi tghid li ghamlet il-miljoramenti u xtrat diversi oggetti u ghamara sabiex timlieh. Dan ifisser li l-attrici ghadha sal-lum tgawdi u tuza l-oggetti li hemm fil-fond. Tajjeb jigi sottolineat li din it-tgawdija hija taghha biss ghax il-konvenut ma ghandux jghix hemm. Fid-dawl ta' dawn il-fatti l-Qorti hija tal-fehema illi l-azzjoni ta l-attrici safejn tirrigwarda l-ghamara u l-oggetti li jinsabu fil-fond "Port Mansions, Blokk A, Flat 2, Triq is-Sajjied, Marsalforn, Ghawdex, kif ukoll il-miljoramenti li saru fl-istess fond ma tistax tirnexxi u dana ghax kif diga' rrimarkat din il-Qorti Francene Cini ghadha tghix fil-fond flimkien ma' wliedha[38] u ghalhekk qed tgawdi s-servizz ta' l-affarijiet li jinsabu fih, u dan ad eskluzzjoni tal-konvenut, billi hu ma ghadux jghix hemm. Billi l-konvenut hareg mill-fond u mar jghix banda ohra hu ma qed jiehu l-ebda vantagg mill-oggetti li jinsabu fil-fond ma qed igawdi xejn minnhom.

Il-Qorti tinnota li fl-affidavit taghha[39] l-attrici taghmel lista ta' oggetti, uhud issostni li ghandha zzommhom hi filwaqt li ohrajn tghid li huma mhallsin mill-konvenut. L-oggetti mnizzla fil-lista huma kollha affarijiet li l-attrici ghadha qed taghmel uzu minnhom fil-fond fejn tghix u ghalhekk it-talba taghha kif proposta fir-rikors guramentat, sa fejn jirrigwarda l-oggetti fid-dar u l-miljoramenti li saru fil-fond, ma tregix.

Tenut kont ta' dan kollu pero' jkun utili ferm li jigi osservat ukoll li l-azzjoni ta' l-attrici tfalli wkoll fuq binarju iehor u cioe' li ma rnexxiliex tipprova li l-oggetti minnha jdentifikati fil-lista bhala mixtrija minnha effettivament inxtraw minnha. Il-fatt li l-ircevuti nhargu fuq isimha ma jikkostitwixxix prova sodisfacenti. Kif gia nghad l-introjtu finanazjarju li

[37] A fol 426 tal-process
[38] A fol 426 tal-process
[39] A fol 323 tal-process

kellha l-attrici matul il-perjodu li saru l-akkwisti ma kienx ikopri l-flus minfuqa u ghalkemm l-attrici ssostni li l-genituri taghha kienu jghinuha, madankollu x-xhieda kemm ta' Grace Cini, kif ukoll ta' missier l-attrici xejn ma kienet konvincenti[40].

Huwa minnu li l-attrici fil-kors tal-kawza ressqet diversi xhieda li xehdu li meta sar ix-xiri tad-diversi oggetti ghad-dar huma kienu nnegozjaw il-bejgh maghha biss u li fil-maggior parti minn dawn ix-xhieda anke qalu li lill-konvenut qatt ma rawh u addirittura kien hemm min xehed ukoll li lill-konvenut lanqas biss jaf min hu.  Madankollu din il-Qorti ma tistax ma tinnutax li l-attrici nnifisha affermat li matul il-konvivenza hija kienet toqghod id-dar u l-konvenut kien ikun ghax-xoghol sa tard.

Fl-affidavit taghha u ta' ommha Grace Cini dawn jghidu illi hija kienet tahdem pero' z-zmien li ghamlet f'impjieg jirrizulta li kien ftit kif ukoll kien interrott.  Di fatti mill-2002 sa' l-2006 hadmet *part time* u fl-2006 meta kienet f'impjieg *part time* hadmet ukoll *full time* mill-15 ta' Gunju, 2006 sas-6 ta' Settembru, 2006.  L-attrici tghid illi meta dahlet fil-fond flimkien mal-konvenut kienet ghadha kemm waqfet mill-Universita u kienet taghmel xoghol ta' tindif li skont hi kien 'il hawn u 'l hinn u ma kellhiex xoghol fiss. Kienet anke tirregistra u ommha gieli ghadditilha xi flus ukoll.  Da parti taghha Grace Cini, omm l-attrici tikkonferma li bintha kienet tnaddaf maghha *farmhouse* li kienet tinkera.  Tghid ukoll izda li t-tindif kien isir f'*farmhouse* wahda u minbarra x-xhud kienet tmur ukoll l-attrici u oht ix-xhud sabiex jghinuha[41].  Grace Cini tixhed ukoll li l-attrici kienet ukoll tmur tghin lin-nanna taghha u din kien gieli taghtiha xi flus ukoll.

Il-Qorti fliet din ix-xhieda.  Ghalkemm Grace Cini xehdet dwar is-sorsi t' introjtu ta' l-attrici, madankollu naqset milli tispecifika l-ammonti illi hija tghid li kienet qed tipprecepixxi bintha.  Pero' anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument il-Qorti kellha taccetta li l-attrici kienet qed tahdem kif prorpju deskritt minnha stess 'il hawn u 'l hinn, xorta wahda tinsorgi l-problema ta' kemm effettivament kienet qed taqla' flus l-attrici minn dan ix-xoghol li kienet qed taghmel.  Dan qed jinghad minhabba l-fatt li l-attrici kemm fir-rikors guramentat kif ukoll permezz tax-xhieda minnha prodotta ghamlet l-almu kollu taghha sabiex tikkonvinci lil din il-Qorti li l-ispejjez kollha ghall-oggetti u tizjin fid-dar minnha jdentifikati sar mill-flus

---

[40] A fol 294 tal-process  xhieda Grace Cini – " Issa ma nafx, ma nafx ta. Ma nistax nahseb.  Jien tghajtha kull meta tigi titlobni."  Mill-banda l-ohra missier l-attrici jixhed li "….qatt ma talbitna"  - a fol.415 tal-process
[41] A fol 282 sa 285 tal-process.

taghha. U dan apparti l-flus li ssemmi li harget sabiex inxtrat l-ghalqa fix-Xaghra.

L-attrici targumenta li l-ircevuti hargu f'isimha u ghalhekk qed tippretendi li l-konvenut jirrifondiha l-flus. Il-Qorti izda tqis li l-fatt biss li ricevuta tghajjat lill-attrici ma hux bizzejjed sabiex tasal u tiddeciedi li l-attrici tinghata ragun. Meta l-Qorti wiznet dan il-fatt wahdu f'kontrapozizzjoni mal- fatti ohra li jemergu waqt il-kawza jidrilha li ma hux prova sufficjenti sabiex din il-Qorti tkun konvinta li l-flus hargithom kollha l-attrici[42]. Minn analizi tad-dokumenti tat-taxxa esebiti mill-attrici[43] jirrizulta illi l-ammont li ppercepixxiet kull sena flimkien mal-beneficcji socjali li nghatat fuq medda ta' erbatax (14)–il sena[44], anke jekk wiehed ghall-grazzja ta' l-argument biss, kellu jaccetta li ma nefqet xejn minnhom, ma kienx ser ikollha l-fondi mehtiega biex tkopri l-ispiza ta' l-oggetti kollha li rigward taghhom inharget ricevuta f'isimha. Huwa fatt ukoll li l-kontendenti f'din il-kawza ghandhom zewg ulied li riedu jipprovdu ghalihom ukoll. Dawn il-fatti maghdudin flimkien jikkonvincu lil din il-Qorti li l-verzjoni moghtija mill-konvenut li matul il-konvivenza l-attrici ma kellhiex il-mezzi sabiex thallas ghall- oggetti kollha li hija issa qed jghid li huwa ghandu jikkontribwixxi ghalihom hija aktar attendibbli.

Dominic Zammit jghid li huwa kien ikun sighat twal fil-garaxx tal-mekkanik tieghu u ghalhekk kien ihalli f'idejn l-attrici sabiex tixtri dak li kienet tixtieq hi u ghal dan il-ghan kien ihallilha l-flus mehtiega ghall-akkwist. Lanqas fuq l-affarijiet li kienet tixtri ma kien jindahal ghax meta darba ghazel *fireplace* l-attrici bdiet tibki u gharrfitu li ma kien ghogobha xejn. Minn dak inhar beda jhalli f'idha.

Barra minn hekk ghal din il-Qorti huwa haga mil-lewn id-dinja li gia la darba l-konvenut kien ikun qed jahdem il-gurnata kollha sakemm jidlam[45], kienet bilfors tkun l-attrici illi tidher sabiex tixtri u thallas ghall-oggetti u mhux hu. Irid jinghad ukoll li hafna mill-akkwisti saru bi flus kontanti li l-konvenut jghid li kien jghaddi hu stess lill-attrici

---

[42] Ricevuta a fol 191 datata 23 ta' Novembru 2007,
[43] A fol 21 sa fol 32 tal-process
[44] A fol 244 tal-process
[45] Xhieda Francine Cini a fol 329 tal-process

Rigward il-flus depozitati l-bank jirrizulta li l-attrici flus il-bank kellha pero' skont hi gibdithom, sabiex setghet tislef il-flus lill-konvenut halli jixtri l-ghalqa x-Xaghra[46]. Fix-xhieda taghha l-attrici ssemmi diversi ammonti li skont hi tat lill-konvenut kif ukoll ikkontribwixxiet ghax-xiri ta' l-affarijiet fid-dar. Irid jinghad izda li dawn l-ammont xejn ma huma konsistenti. Infatti l-genituri ta' l-attrici jirreferu ghal sittin elf ewro (€60,000), mentri l-attrici f'waqtiet tikkonferma dak l-ammont u mbaghad drabi ohra titkellem fuq tmenin elf ewro (€80,000), u dana minghajr sostenn ta prova dokumentarja. Fil-fehma tal-Qorti dawn l-ammonti, hekk kif deskritti mill-attrici ma humiex prova sufficjenti sabiex l-istess Qorti tasal biex tikkonludi li l-verzjoni ta' l-attrici hija tali li tista toqghod fuqha, aktar u aktar meta mix-xhieda moghtija mill-attrici f'seduta f'kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Francene Cini" esebita fl-atti mill-konvenut[47] jirrizulta li l-attrici xehdet li lill-konvenut kienet taghtu mitt elf ewro (€100,000). Il-fatt illi l-attrici tidher li kull darba li tixhed dwar l-ammont li effettivament ghaddiet lill-konvenut tispara numru differenti xejn ma jghin lill-kredibilita' taghha.

Il-Qorti rinfaccata b'verzjonijiet diametrikament opposti u kultant anke konfuzjonarji, di piu`mhux sostnuti bi provi sodisafacenti jkollha taddotta r-ragunament li *"per cio' che concerne il rapporto tra i conviventi, va detto che il danaro depositato si presuppone di proprieta' di entrambi i parti uguali, salvo prova contraria. .. .. si presumono comuni tutti i versamenti risultanti sul conto, indipendentemente dal fatto che siano stati materialmente effettuati da uno solo dei cointestatari"*[48] Fil-kaz odjern, izda ghalkemm b'applikazzjoni tar-ragunament citat, il-partijiet ghandhom sehem indaqs mill-ghamara u oggetti li jinsbu fil-fond, xorta wahda din il-Qorti ma hix ser tillikwida sehem l-attrici u dan ghar-raguni gia moghtija u cioe', li hi ghadha qed tghix fil-fond u qed tgawdi l-oggetti hi.

Dan kollu qed jinghad izda fil-konfront biss ghal dak illi ghandu x'jaqsam ma' l-oggetti u l-miljoramenti li jinsabu fl-appartament ta' Marsalforn. L-attrici pero' ma llimitatx it-talba taghha ghal dawk l-oggetti biss u nfatti fir-rikors guramentat issemmi wkoll flus li allegatament ghaddiet lill-konvenut sabiex inxtrat ghalqa x-Xaghra. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti in linea mal-kunsiderazzjonijiet gia maghmula, dawn il-flus ma jistghux

---

[46] Xhieda Francene Cini a fol 330 tal-process
[47] A fol 335 tal-process.
[48] Di Riccio Pg.500

jitqiesu bhala nfieq ghall-hajja ta' kuljum u kontribut 'ordinarju' taghha fir-relazzjoni li kellha mal-konvenut. Nefqa straordinarja bhal din hija wahda li l-azzjoni kontra l-arrikkiment indebitu mibdija mill-attrici tagħtiha l-jedd li titlob lura minghand il-konvenut. Rigward din l-ghalqa l-konvenut jghid li inxtrat minnu u li l-attrici taghtu s-somma ta' ghoxrin elf ewro (€20,000)[49]. L-attrici fil-kontro ezami tghid li harget "sittin elf (60,000), li kienet tatni l-mummy. Barra l-flus li kelli l-bank."[50] Hawnhekk ghal darb ohra l-verzjoni ta' l-attrici ma taqbilx ma' xhieda ohra moghtija minnha in kontro ezami precedentement, fil-kawza odjerna[51], kif ukoll max-xhieda moghtija mill-genituri taghha – missierha xehed li s-somma ta' sittin elf ewro tawhilha fuq medda ta' erba' jew hames snin! Fid-dawl ta' dawn il-verzjonijiet differenti, il-Qorti ttendi lejn il-verzjoni tal-konvenut ghax hija konsistenti. Isegwi ghalhekk li billi ma hux kontestat li l-ghalqa x-Xaghra nxtrat mill-konvenut wahdu u jirrizulta wkoll li l-attrici kkontribwixxiet somma flus, il-Qorti hija tal-fehma li fid-dawl ta nuqqas ta' provi sodisfacenti da parti ta' l-attrici rigward is-somma minnha sborsata hija ma rnexxilhiex tikkontradixxi l-verzjoni moghtija mill-konvenut u ghalhekk, huwa gust u ekwu li l-konvenut ghandu jghaddi lill-attrici s-somma ta' ghoxrin elf ewro (€20,000), bhala rifuzjoni tas-somma mhallsa minnha versu l-prezz ta' l-ghalqa.

Matul il-perkors tal-kawza l-attrici semmiet ukoll il-permess tal-MEPA u tghid li hija harget il-flus biex dan jithallas. F'dan il-kaz il-provi mressqa minnha kienu konvincenti u nfatti jirrizulta mix-xhieda ta Alvin Scicluna[52] li :

*"Jiena gejt mitlub naturalment lil minn qed ihallas u l-ammont. Mela qed ihallas lil MEPA u l-ammont huwa ta' eight zero one four point fifty six (€8014.56)…..*

*Hargu mill-kont taghha"*[53]

Il-Qorti tqis din il-verzjoni bhala wahda attendibbli u konsegwentement tqis li s-somma ta' tmint elef u erbatax–il ewro u sitta u hamsin centezmu (€8014.56) ghandhom jigu rifuzi wkoll lill-attrici.

---

[4949] A fol 250 tal-process
[50] A fol 257 tal-process
[51] Xhieda moghtija in kontro ezami fiss-seduta tat-3 ta April, 2019, A fol 331 tal-process.
[52] A fol 44 u 51 tal-process
[53] A fol 55 tal-process

Matul il-kawza ssemmew ukoll il-karozza ta' l-attrici u l-mutur tal-konvenut. Irrizulta mil-lista prodotta fl-affidavit pprezentat mill-attrici li l-ebda wahda minn dawn il-veikoli ma tnizzlu u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tikkunsidrahom.

Kif gia nghad kemm-ildarba, l-attrici ghadha tghix fil-fond tal-konvenut. Dan ta' l-ahhar esebixxa kont tad-dawl u l-ilma[54] illi minnu jirrizulta li l-utent registrat huwa l-konvenut u l-indirizz fejn hemm is-servizz li dwaru qed jinhareg il-kont huwa l-fond fejn l-attrici qed tghix ma ulied il-kontendenti. Dan il-kont jammonta ghal disa' mija, erbgha u sebghin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€974.42). L-attrici fix-xhieda taghha[55] accettat li s-servizz tad-dawl u l-ilma ghamlet uzu minnhom hi u ghalhekk lesta li thallas ghall-konsum. Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tqis li l-ammont ta' disa' mija erbgha u sebghin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€974.42) ghandhom jitnaqqsu mill-ammont li l-konvenut ghandu jirrifondilha. Dan ifisser li l-konvenut ghandu jaghti lill-attrici is-somma ta' sebgha u ghoxrin elf u erbghin ewro u erbata –il centezmu (€27,040.14)[56].

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** limitatament safejn tirrigwarda s-somma flus li ghaddiet l-attrici lill-konvenut sabiex jixtri l-ghalqa tax-Xaghra;

**Tilqa' t-tieni talba** u tillikwida l-ammont dovut lill-attrici mill-konvenut fis-somma ta' sebgha u ghoxrin elf u erbghin ewro u erbatax–il centezmu (€27,040.14);

**Tilqa' t-tielet talba** u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf u erbghin ewro u erbatax–il centezmu (€27,040.14), bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza.

54 A fol 428 tal-process
55 A fol 427 tal-process
56 €20,000 + €8014.56 - € 974.42 = € 27,040.14

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur